MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1949/1997/1

Kawza fil-lista: 7

**Joseph Aquilina fil-kwalita' tieghu ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-entitajiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta, u b' nota tat-3 ta' Mejju 2005 Dottor Michelle Tabone assumiet l-atti stante li tokkupa l-kariga ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof**
**Vs**
**Mark Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur fil-kwalita' tieghu premessa, essendo l-Media Centre Print wiehed mill-Entijiet Religjuzi,

Djocesani Maltin amministrati minnu bhala ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' tlett elef u sebghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm3,070.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' stampar u materjal uzat fl-istess stampar maghmul mill-Media Centre Print ghall-konvenut, ezercenti l-kummerc kemm bhala "R.P. Holdings" kif ukoll bhala "Print Line" u dan kif jidher ukoll mir-rendikont markat Dok. R;

U peress illi l-konvenut minkejja li gie interpellat biex ihallas permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru, 1996 u ta' ittra bonarja tat-13 ta' Gunju, 1997, baqa' ma hallasx;

Ghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. tikkundannak thallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm3,070.69 dovuta minnek bhala bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' stampar maghmul mill-attur nomine fuq inkariku tieghek u materjal uzat ghall-istess stampar.
Bl-imghax mill-21 ta' Dicembru, 1996 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija.

Inti ingunt biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hija intempestiva;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma rikjesta mill-attur hija eccessiva, stante illi l-ammont effettivament dovut mill-esponent huwa ferm anqas minn dak mitlub fic-citazzjoni odjerna, u dana kif jirrizulta aktar dettaljatament fil-mori tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament, u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jippretendi minghand il-konvenut is-somma ta' Lm3,070.69 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' stampar u materjal uzat fl-istess stampar, maghmul mill-Media Centre Print fuq inkariku tal-konvenut.

Il-konvenut qed jopponi ghal din il-pretensjoni principalment in bazi ghall-fatt minnu sostnut li l-pozizzjoni kummerjcali bejniethom rigwardanti ammonti dovuti minnu, giet defenittivament kristalizzat bil-ftehim tas-6 ta' Marzu 1996 u li l-bilanc hemm indikat kien jissalda l-diffikultajiet kollha ta' pagament esistenti bejn il-partijiet sa dak iz-zmien. Inoltre, il-konvenut isostni wkoll li l-attur ma ottemperax ruhhu ma' parti mill-ftehim, u cioe' dik relattiva ghall-ammont ta' LM666.22 li kellu jithallas b'xoghol li kellu jinghata mill-atturi lill-konvenut, u ghalhekk isostni li l-azzjoni odjerna hija intempestiva.

Illi l-attur[1] spjega li l-ammont minnu pretiz jirrapprezenta s-segwenti:

Bilanc ammess mill-konvenut
Lm1,450.00 +
Invoice 1104
126.50
Invoice 1382
395.84
Invoice 1691
57.85
Invoice 1696
154.70
Invoice 2915
172.50
Invoice 3116
34.50
Invoice 3110
18.58
Total
Lm2,404. 47 +

[1] Aff. Mannie Spiteri – 71 *et seq.*

Ammont
666. 22
Total
Lm3,070.69

Illi mill-provi rrizulta nkontestat li, biex isolvu l-pendenzi bejniethom, il-partijiet qabblu fuq forma ta' soluzzjoni li huma nkorporaw fi ftehim bil-mitkub iffirmat minnhom u li jgib id-data 6 ta' Marzu 1996.[2]

Sussegwentement, rizultat ta' investigazzjonijiet ulterjuri li saru minn naha ta' l-attur, irrizulta li skond l-attur kien hemm provi li juru li certu invoices kienu verament dovuti mill-konvenut. Dan, minn naha tieghu pero' oppona li jhallas taghhom in bazi ghat-tesi tieghu li l-ftehim kien ghalaq il-pendenzi sa dak in-nhar, u kien fil-fatt opera novazzjoni bejn il-partijiet. Huwa jsostni li dan kien "in full and final settlement" u ma ghandu jaghti xejn aktar jekk mhux skond, u fit-termini, ta' l-istess ftehim.

L-attur minn naha tieghu jsostni li l-ftehim kien jirraprezenta "koncessjoni generuza hafna" u kien soggett ghal aktar investigazzjoni fis-sens li mal-ftehim il-partijiet kienu qabblu li l-invoices li kienu qed jigu kontestata kellhom jiqghu jigu investigati b' mod li jekk jinstabu provi li juru li dawna kienu verament dovuti mill-konvenut, allura dana kellu jonorhom.

In tema legali jigi osservat li l-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993]. "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*." *[App.Civ. Gloria*

[2] Dok.H – fol.46

*Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].*

Illi ghalhekk il-vertenza tirriduci ruhha ghal wahda ta' interpretazzjoni tal-ftehim tas-6 ta' Marzu 1996, kemm ghal kontenut tieghu kif ukoll ghal parametri tieghu. Il-Qorti wara ezami ta' dan id-dokumenti fid-dawl tal-provi akkwiziti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi mill-iskrittura jirrizulta car li dan il-ftehim kien jirrigwarda l-"invoices minn 1031 sa 1696" dovuti li Media Centre Print;

[2] Illi fit-termini ta' l-istess ftehim saru "Kancellamenti" tas-segwenti invoices hemm indikati: "1104, 1187, 1301, 1424, 1595, 1691, 1696";

[3] Illi minn imkien ma jikkonfigura kliem fis-sens li dan il-ftehim kellu jkun "in full and final settlement".

[4] Illi minn imkien ma jikkonfigura kliem fis-sens li l-invoices indikati fil-partita [2] kienu qed jigu mnaqqsa "subject ta' further investigations". Anzi t-terminu "Kancellamenti" uzat fl-iskrittura tikkontradici din it-tesi, u inoltre dan l-ammont gie mnaqqas, fl-iskrittura, mill-kreditu inizjali.

Illi jigi osservat li l-presunzjoni qawwija, logika u guridika, hija li meta l-partijiet jkunu ftehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f' kitba, huma jkunu nizzlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftehmu fuqu. Dan huwa il-bazi tal-massima legali *contra scriptum non est argumentum.*

Fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-iskrittura jirrizulta li l-ftehim kien limitata ghall-invoices minn numru 1031 sa 1696, u, in mankanza ta' diskors fis-sens li dan il-ftehim kien "in full and final settlement" tal-pendenzi kollha ezistenti bejn il-partijiet, l-effetti ta' dan il-ftehim m' ghandhom jigu estizi unilateralment ghall-invoices li ma humiex inkluzi fl-iskrittura. Ghaldaqstant l-invoices fuq indikati bin-numri 2915, 3116 u 3118 ma jaqghux fil-

parametri tal-ftehim de quo b' mod li jekk dawn jirrizultaw dovuti mill-konvenut dan ghandu jonora l-ammont indikat fihom.

Illi rigward l-invoices 1382, 1104, 1691 u 1696, jigi osservat li mill-iskrittura jirrizulta car li, dawn kienu jaqghu fil-parametri tal-iskrittura u, li l-ahhar tlieta espressament gew kancellati bi ftehim bejn iz-zewg partijiet. Ghaldaqstant mhux legalment valida t-tesi tal-attur li, dawn l-invoices ghandhom jigu sodisfatti mill-konvenut peress li sussegwentement instabu provi li juru li huma dovuti minnu. In propositu l-Qorti tosserva li, jekk verament din kienet l-intenzjoni tal-attur dan kellu jnizzel dan il-hsieb fl-iskrittura, u mhux juza terminu li, fis-sinifikat normali tieghu, jfisser kancellament ta' l-istess. Di fronti ghall-kontestazzjoni da parti tal-konvenut f' dan ir-rigward, din it-tesi tal-attur ma tistax treggi, anke ghax huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni *[App.Inf.Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002].*

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet u b' referenza ghall-prospett fuq indikat, il-Qorti hija tal-fehema li t-tesi attrici mhijex gustifikata in kwantu ghall-ammont indikati fl-ivoices minn 1104 sa 1696, ghax dawn kienu jifformaw il-meritu tal-ftehim *de quo*, kif ukoll, ghax fit-termini tal-istess ftehim [liema ftehim bhal kull ftehim necessarjament ikkontjeni element ta' kompromess bejn il-partijiet], it-tlett invoices 1104, 1691 u 1696 gew espressament kancellati.

Illi rigward l-invoices bin-numri 2915, 3116 u 3118, kif fuq spjegat dawn jesoribtaw mit-parametri tal-ftehim *de quo*, u, il-Qorti wara ezami tal-provi f' dan ir-rigward, hija tal-fehma li jezistu provi sodisfacenti li juru li l-invoices 2915 u 3116 jirrapprezentaw xoghol maghmul fuq inkariku tal-konvenut li allura huwa obbligat jhallas l-ammonti hemm indikati - b' kollox Lm207. Fir-rigward tal-invoice 3118 il-provi ma jissufragawx it-tesi tal-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata limitatament ghal-ammonti ta' Lm1,450.00 u Lm207 – b' kollox Lm1,657.00.

Jibqa' impregudikat l-ammont ta' Lm666.22 li jibqa' dovut lill-attur skond it-termini ta' l-iskrittura jigifieri jithallas "bhala stampar mill-Media Centre." jew ahjar xoghol li l-Media Centre ghandha tordna minghand il-konvenut u li sa issa din l-ordni ghadha ma nghatatx.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf sitt mija seba u hamsin lira maltin [Lm1,657] bl-imghax legali kif mitlub.

L-ispejjez jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------